# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 8**

**Rikors maħluf numru 623/2008 SM**

***Casino-For-Me Limited***
**(C-37398)**

***v.***

***Chartwell Games (Malta) Limited***
**(C-35153)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru 2012 li biha l-konvenuta kienet ikkundannata trodd lis-soċjetà attriċi flus li l-attriċi kienet ħallsitha. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-partijiet daħlu fi ftehim b'kitba privata tat-28 ta' April 2006 li bih il-konvenuta ntrabtet li toħloq *gaming system* għall-attriċi li min-naħa tagħha ntrabtet li tħallas *set-up fees* inizjali u tħallas ukoll *licence fees*

kull xahar. Il-ftehim kellu jorbot għal tliet snin, sa April tal-2009. Il-*gaming system* beda jitħaddem fil-31 ta' Ottubru 2016.

3. Ġara illi l-attriċi ma kinitx sodisfatta bis-servizz li kienet qiegħda tagħtiha l-konvenuta. Meta kienet mgħarrfa b'dan, il-konvenuta wieġbet hekk fl-10 ta' Novembru 2006:

> »Our position is that we have delivered the Casino Platform as contemplated in the Software Licence Agreement. In addition, you completed a full UAT (User Acceptance Testing) and gave *Chartwell* final sign-off prior to going live.
>
> »*Chartwell* will work with you to resolve these issues; however, if you remain unsatisfied *Chartwell Games (Malta) Limited* is prepared to terminate the Agreement and return the set-up fees paid to date, releasing you to source an alternative software vendor.
>
> »I took forward to hearing from you by return with your decision.«[1]

4. L-attriċi wieġbet b'ittra mingħajr data u qalet hekk:

> »For better or worse … we are up and running; as to whether this was as contemplated in the software licence agreement, and as to whether the UAT included or not our being able to test withdrawals, I think this is a bit of a sterile discussion topic right now.
>
> »… … … I have always considered … that a contract is a two way street, and I hope we will go forward on that basis. For you to offer to "release" us to source an alternative software vendor is commercial nonsense, in my opinion. Your reputation would greatly suffer, which is not in my interest, while we would suffer a truly grievous financial blow and lose at least 2 or 3 months to rebuild, or even possibly up to nearly 6 months, which is how long it took you to deliver a platform to us, during which time we would need to pay salaries and overheads. We have built a company on the basis of your software and that is that.«[2]

5. Baqgħet għaddejja l-korrispondenza bejn il-partijiet għal xi xhur li matulhom l-attriċi baqgħet kull xahar tħallas il-*licence fees* kif irid il-ftehim. Imbagħad, fl-1 ta' Novembru 2007, l-attriċi reġgħet kitbet lill-konvenuta u qaltilha hekk:

---

[1] *Fol.* 52 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[2] *Ibid. fol.* 53.

»I write to confirm that, as per your letter of 10 November 2006, we wish to terminate our agreement with you, and we are now actively seeking another software vendor.«[3]

6. Fis-7 ta' Novembru 2007 il-konvenuta wieġbet hekk:

»… … … I wanted to clarify our expectations in terms of how this termination of your contract should proceed.

»As it stands, there is a payment pending of 18,495.55 EUR on your account. As we agreed over the 'phone, this settlement is completely separate to your request for return of your setup fees based on the letter of 10 November 2006 … … … We will respond to that issue in isolation in writing.

»By this Friday 9 November 2007, Chartwell would expect either full settlement of the outstanding balance or a part payment of 12,325 EUR to cover August and September fees. We are happy going forward to keep your site live whilst you migrate to another provider, but our license fees must be paid within the timeframe of your contract.«[4]

7. L-attriċi ħallset il-*licence fees* u, wara aktar korrispondenza dwar is-*set-up fees*, il-konvenuta eventwalment wieġbet hekk fis-6 ta' Diċembru 2007:

»Reference is made to your request for the reimbursement of the set up fees paid by *Casino-for-me* to our company in connection with the design and construction of the Online Games and the installation of the Gaming Software on your servers as per clause 3.1 of the contract entered with you on 21 April 2006.

»*Chartwell Games (Malta) Limited* considers that that further to your termination of the above-mentioned agreement and the settlement of your outstanding balance of EUR 12,178.03, plus settlement of fees due for December 2007, no further pretensions are due between our two companies.

»As you are aware, *Chartwell* was prepared to reimburse such amount to you if, at the time, [you] decided to terminate our agreement prior to going live. In fact following the correspondence of November 2006 you eventually went live and operated through our software for one whole year before coming back to us informing us that you want to terminate our agreement of the 21 April 2006.

»*Chartwell Games Malta Limited* considers the matter concluded here and we wish *Casino for Me* every success in the future. Subject to

[3] *Ibid*. *fol.* 73.

[4] *Ibid. fol.* 75.

> payment of outstanding invoices we will continue to provide *Casino for Me* with our Casino software until December 31 2007.«[5]

8. Il-partijiet ħallew il-ftehim b'seħħ mis-27 ta' Frar 2008. B'ittra ta' dik id-data, is-soċjetà attriċi, wara li elenkat xi punti u lmenti dwar *passwords* li kienet teħtieġ mingħand il-konvenuta u li l-konvenuta ma tathiex, għalqet hekk:

> »Your assistance has left us without the ability to effectively migrate any of our customers over to *BossMedia*.
>
> »We have attached a banker's draft for 6,165 Euros … … … which settles all invoices from *Casino-for-me*, and once signed for will officially sever our relationship with *Chartwell Games (Malta) Ltd*.«[6]

9. L-ittra iffirmaha wkoll rappreżentant tas-soċjetà konvenuta biex juri l-adeżjoni ta' din. L-attriċi mbagħad fetħet il-kawża tallum u, wara li fissret illi l-konvenuta "ma ipprovdietx is-servizzi … pattwiti", u illi bl-ittra tagħha tal-10 ta' Novembru 2006 il-konvenuta kienet offriet li trodd is-*set-up fees*, u hi kienet aċċettat din l-offerta bl-ittra tal-1 ta' Novembru 2007, u hekk inħolqot obbligazzjoni tal-konvenuta li trodd dawk il-flus, talbet illi l-qorti:

> »i. tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata hi debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' erbgħin elf Euro, (€40,000.00), rappreżentanti s-*set-up fees* li s-soċjetà intimata obbligat ruħha li tirrifondi lis-soċjetà rikorrenti;
>
> »ii. tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata hi debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' ħamest elef Euro, (€5,000.00), rappreżentanti r-rifużjoni tal-liċenzja għax-xahar ta' Frar, 2008;
>
> »iii. tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro, (€45,000.00), jew kwalunkwe somma oħra verjuri li din il-qorti tiddeċiedi li hi dovuta mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti.«

10. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

---

5 *Ibid*. *fol*. 81.

6 *Ibid. fol.* 85.

»1. illi preliminarjament ir-rikors promotur hu null *stante* li nebuluż u ma jindikax b'mod ċar l-oġġett u t-tip tal-kawża, u r-raġunijiet għat-talba;

»2. illi allura s-soċjetà intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

»3. illi s-soċjetà rikorrenti għandha tindika b'mod ċar taħt liema artikolu/i qed tibbaża t-talbiet tagħha;

»4. illi għaldaqstant is-soċjeta intimata qed tirriżerva d-dritt tagħha li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri;

»5. illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, in-nullità tar-rikors promotur peress li mhux qed jintalab rimedju mogħti mill-liġi *stante* li s-soċjetà rikorrenti qed titlob lura flus ġà minnha mħallsa u għal-hekk it-talbiet kif dedotti huma assolutament legalment insosten-ibbli, u għalhekk ukoll, is-soċjetà intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

»6. illi fil-meritu, it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:

»i. illi mhux il-każ li jiġu rifużi s-*set-up fees stante* li s-soċjetà intimata iddiżinjat, ikkonsenjat u stallat il-*gaming software* lis-soċjetà rikorrenti fit-termini tal-kuntratt;

»ii. illi l-istallazzjonijiet li ġew effettwati lis-soċjetà rikorrenti ġew minnha użati għal aktar minn sena;

»iii. illi l-liċenzja mensili dejjem tħallset mis-soċjetà rikorrenti;

»iv. illi s-soċjetà rikorrenti użat is-sistema provduta mis-soċjetà intimata sa Frar 2008;

»v. illi meta s-sistema provduta mis-soċjetà intimata ġiet magħluqa u l-ftehim gie xolt fi Frar 2008, is-soċjetà rikorrenti ħallset lis-soċjetà intimata dak kollu minnha dovut sa din id-data hawn indikata;

»vi. illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti ma kellha l-ebda pretens-jonijiet oħra kontra s-soċjetà intimata u ħallset dak minnha dovut għas-saldu u bla ebda riżervi;

»vii. illi mhux il-każ li tiġi rifuża s-somma mħallsa għall-liċenzja għal Frar 2008, *stante* li l-*platform* provduta lis-soċjetà rikorrenti kienet effettivament użata minnha u għalhekk, l-ammont *de quo* kien dovut;

»7. illi *inoltre*, a bażi tal-ftehim in diżamina hemm klawsola partikolari li tillimita l-ogħla ammont ta' dannu li kull waħda mill-partijiet tista' titlob għall-ammont ta' erbgħin elf Euro, (€40,000.00).«

11. L-attriċi irtirat it-tieni talba – dik għal ħamest elef euro (€5,000) – u għalhekk naqqset it-talba għal erbgħin elf euro (€40,000) b'kollox.

12. L-ewwel qorti laqgħet it-talba tal-attriċi kif imnaqqsa għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi qabel xejn tirrileva li *nonostante* li oriġinarjament il-kawża kienet indirizzata biex jiġu epurati biss l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati, għandu jirriżulta abbundantement ċar li min-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet dawn issuperaw il-kwistjonijiet preliminarji, injorawhom u indirizzaw minflok il-meritu veru u proprju tal-vertenza in diżamina;

»Illi għaldaqstant, din il-qorti qed tieħu bħala superati l-kwistjonijiet preliminarji u tiffoka fuq il-meritu tal-vertenza *de quo*;

»Illi konsegwentement *in vista* tal-premess qed tikkonsidra l-eċċezz-jonijiet preliminari sollevati bħala rtirati;

»Ikkunsidrat:

»Illi l-fatti kif esposti mis-soċjetà rikorrenti jistgħu jiġu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

»1. illi l-fatti odjerni huma wkoll limitati għall-ewwel talba, senjatament dik rigwardanti s-*set-up fees* ammontanti għal erbgħin elf Euro, (€40,000.00), *stante* li fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorr-enti l-istess soċjetà tafferma li t-tieni talba rigwardanti l-liċenzja, (ammontanti għal ħamest elef Euro (€5,000.00)), ġiet minnha rtirata;

»2. illi għall-kjarezza jingħad li l-vertenza odjerna hi għalhekk limitata għall-kwistjoni tal-imsemmija *set-up fees* u l-pagament hemm riskont-rat;

»Ikkunsidrat:

»Illi f'dan ir-rigward speċifiku jingħad sintetikament is-segwenti:

»1. illi s-soċjetajiet kontendenti ffirmaw ftehim intitolat "*Software Development and Licence Agreement*" fit-28 t'April 2006, bl-appendiċi hemm ukoll inklużi;

»2. illi a bażi tal-klawsola 3.1 tal-ftehim indikat fil-paragrafu pre-ċedenti, is-*set-up fees* għad-disinn u stallazzjoni tal-*gaming software* jammontaw għal erbgħin elf Euro, (€40,000.00);

»3. illi jidher li s-sistema bdiet topera fil-31 t'Ottubru 2006;

»4. illi jirriżulta li żviluppaw diversi nuqqasijiet fis-sistema provduta mis-soċjetà intimata u wara diversi trattattivi bejn is-soċjetajiet hawn involuti ntlaħaq ftehim li permezz tiegħu qablu li:

> »i. ir-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet hawn kon-tendenti tiġi terminata fit-28 t'April 2008;
>
> »ii. illi s-soċjetà rikorrenti tiġi rifuża mis-soċjetà intimata s-somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000.00);

»5. illi dan il-ftehim jirriżulta mill-ittra t'aċċettazzjoni datata l-1 ta' Novembru 2007, mibgħuta mis-soċjetà rikorrenti wara l-offerta skritta tas-soċjetà intimata datata l-10 ta' Novembru 2006;

»6. illi wara l-konsolidazzjoni ta' dan il-ftehim sussegwenti, il-partijiet baqgħu jikkomunikaw flimkien bil-għan li jikkonkludu l-vertenza *de quo*;

»7. illi *stante* li dan il-ftehim ma ġiex konkretizzat, il-kwistjoni ġiet miġjuba quddiem din l-istruttura;

»Ikkunsidrat:

»Illi min-naħa tagħha s-soċjetà intimata ssostni sintetikament is-segwenti:

»1. illi għalkemm is-soċjetà rikorrenti kienet qed tirriskontra diversi diffikultajiet fl-operat tas-sistema minnha adottata, is-soċjetà intimata tinnega li hi kienet responsabbli għal dawn l-istess diffikultajiet riferiti;

»2. illi però, kif jirriżulta anke minn nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata, din l-istess soċjetà tikkonferma li effettivament is-soċjetajiet kontendenti laħqu ftehim li s-soċjetà intimata tirrifondi s-*set-up fee* u ttemm il-ftehim;

»Ikkunsidrat:

»Illi għalhekk il-vertenza odjerna mhix naxxenti mill-kuntratt oriġinali tat-8 t'April 2006, jew mir-relazzjonijiet sussegwenti li twieldu biex jiġu ripristinati s-sistemi utilizzati, iżda mill-offerta intavolata mis-soċjetà intimata lil dik rikorrenti rigwardanti s-*set-up fees* u l-konsegwenti terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejniethom;

»Illi dan hu stabbilit bl-aktar mod inekwivoku fl-ittra datata l-1 ta' Novembru 2007, li permezz tagħha s-soċjetà rikorrenti aċċettat l-offerta sottoposta lilha mis-soċjetà intimata fl-10 ta' Novembru 2006;

»Illi ġaladarba hemm l-aċċettazzjoni regolari tal-offerta sottoposta, l-ebda rifjut sussegwenti bħal dak tar-rappreżentant tas-soċjetà intimata … ma għandu effett legali għaliex il-vertenza kienet kristallizzata bl-aċċettazzjoni tal-offerta u, għalhekk, vinkolanti fuq il-partijiet;

»Ikkunsidrat:

»Illi mix-xiehda u mid-dokumentazzjoni esposta jirriżulta għalhekk is-segwenti:

»1. illi s-soċjetà intimata stess offriet ir-rifużjoni *de quo* u t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet fuq riferit;

»2. illi *nonostante* dan il-vinkolu kontrattwali li issa żviluppa wara l-aċċettazzjoni tal-1 ta' Novembru 2007, fuq riferita, is-soċjetà intimata għażlet li ma tonorax l-offerta tagħha stess hekk debitament aċċettata;

»Għaldaqstant din il-qorti *in vista* tal-premess filwaqt li tirrespinġi r-risposta tas-soċjetà intimata minnha sottomessa fir-rigward tal-meritu ta' din il-vertanza, takkolji t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement:

»1. tiddikjara li s-soċjetà intimata *Chartwell Games (Malta) Limited* hi debitriċi tas-soċjetà rikorrenti *Casino-For-Me Limited* fis-somma ta' erbgħin elf Euro (€40,000.00), rappreżentanti s-*set-up fees* li s-soċjetà intimata obbligat ruħha li tirrifondi lis-soċjetà rikorrenti *de quo*;

»2. tikkundanna lill-imsemmija soċjetà intimata fuq indikata tħallas lis-soċjetà rikorrenti fuq ukoll indikata l-ammont indikat fil-paragrafu preċedenti;

»3. bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata fuq indikata, inklużi dawk tal-mandati involuti indikati mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, u wkoll bl-imgħaxjiet legali dovuti mis-27 ta' Frar 2008, sad-data tal-effettiv pagament;

»4. illi rigward it-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti tiddikjara li *stante* r-rinunzja għall-istess mill-istess soċjetà rikorrenti, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.«

13. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' Novembru 2012 li għalih l-attriċi wieġbet fid-19 ta' Lulju 2013.

14. L-ewwel aggravju tal-konvenuta jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tqis l-eċċezzjonijiet preliminari bħala "irtirati".

15. Huwa minnu illi, ladarba l-eċċezzjonijiet ma ġewx formalmet irtirati, l-ewwel qorti ma kellhiex tassumi li ġew "superati" u għalhekk ma tagħtix deċiżjoni dwarhom. Dan ma jfissirx iżda illi, kif trid il-konvenuta, is-sentenza appellata għandha tiġi "revokata", iżda jmiss lil din il-qorti li tqis u tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet.

16. U din il-qorti tgħid minnufih illi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta huma fiergħa.

17. L-"oġġett u t-tip" tal-kawża huwa r-radd ta' dak li tħallas lill-konvenuta mill-attriċi, u l-kawżali tat-talba għar-radd tal-flus hija kemm għax il-konvenuta ma tatx is-servizz li għalih tħallset (*causa data causa non secuta*) u kemm għax il-konvenuta ntrabtet li trodd il-flus.

18. L-eċċezzjoni mbagħad "li mhux qed jintalab rimedju mogħti mill-liġi *stante* li s-soċjetà rikorrenti qed titlob lura flus ġà minnha mħallsa" hija ħażina għax dak li jitħallas meta ma huwiex dovut huwa ripetibbli u ma hemm xejn li jżomm lil min ħallas milli jitlob flusu lura jekk ma jingħatax dak li ħallas għalih.

19. L-eċċezzjonijiet preliminari huma għalhekk miċħuda.

20. It-tieni aggravju jolqot il-motivazzjoni tas-sentenza tal-ewwel qorti, *viz.* illi kien hemm ftehim li l-konvenuta trodd is-*set-up fees*. Rajna illi t-talba tal-attriċi hija msejsa fuq żewġ premessi: i. illi l-konvenuta ma tatx is-servizz li għalih tħallset; u ii. illi l-konvenuta ntrabtet bi ftehim li trodd il-flus. Dan l-aggravju jolqot it-tieni premessa

21. L-ewwel qorti laqgħet it-talba fuq din it-tieni premessa billi qieset illi l-ittra tal-konvenuta tal-10 ta' Novembru 2006 u l-ittra tal-attriċi tal-1 ta' Novembru 2007 huma offerta u aċċettazzjoni li joħolqu obbligazzjoni.

22. Il-konvenuta tgħid fir-rikors tal-appell illi dawk iż-żewġ ittri ma jistgħux jitqiesu offerta u aċċettazzjoni, u tkompli hekk:

> »Kif dawn iż-żewġ ittri, unilaterali, separati minn xulxin bi trapass ta' aktar minn sena akkwistaw għall-ewwel qorti n-natura ta' ftehim bilaterali li jorbot liż-żewġ partijiet huwa għall-esponenti misteru assolut. Aktar u aktar meta l-ewwel qorti kellha quddiem għajnejha l-ittra tal-appellanta datata 6 ta' Diċembru 2007 mnejn jirriżulta ampjament ċar li s-soċjetà appellanta qiegħda tiċħad bil-qawwa kollha kull offerta li seta' kien hemm qabel u tiċħad li hi għandha tagħti xi flus lill-appellata anzi tqis il-materja magħluqa *una volta* tkun is-soċjetà appellata li thallas dak dovut minnha lill-appellanta kif fil-fatt l-appellata għamlet. Kif allura dan ix-xenarju akkwista forma ta' aċċettazzjoni ta' rifużjoni da parti tal-esponenti meta kollox juri proprju l-kontra huwa fih innifsu aggravju tali li jirrendi din is-sentenza appellabbli u hemm lok li tiġi revokata skond il-liġi.
>
> »… … …
>
> »Illi apparti dak li għadu kemm ingħad aktar 'il fuq għal dak li jirrigwarda l-ittri tal-10 ta' Novembru 2006 u dik tal-1 ta' Novembru 2007 li fl-umili fehmha tal-esponenti tali ittri qatt ma jistgħu jiġu bl-ebda mod interpretati bħala ftehim milħuq bejn żewġ partijiet, jibqa' l-fatt illi bl-ittra tal-appellanta datata 6 ta' Diċembru 2007 l-esponenti wriet bl-aktar mod ċar li ftehim ma kienx hemm u għal din l-ittra l-ewwel qorti m'għamlet ebda referenza. … … …«

23. L-attriċi wieġbet hekk:

> »… … … *ai termini* tal-klawsola 14.1 tal-kuntratt oriġinali bejn il-partijiet, is-soċjetà appellata kienet marbuta għal terminu ta' tliet snin minn April 2006 sa April 2009 f'liema perjodu s-soċjetà appellata kienet obbligata li tħallas *minimum monthly license fee* ta' €5,000.

Għalhekk, tant is-soċjetà appellanti qablet u obbligat ruħha li tonora l-offerta tagħha stess li tittermina l-kuntratt u tirrifondi s-*set-up fees* kif spjegat fl-ittra tagħha tal-10 ta' Novembru 2006 li fil-fatt aċċettat li tittermina l-kuntratt fi Frar 2008, ferm qabel l-iskadenza miftiehma t'April 2009. Ma kien hemm xejn li jobbliga lis-soċjetà intimata li tittermina l-kuntratt u tieqaf milli tirċievi minimu ta' €5.000 fix-xahar salv il-fatt li kienet qiegħda tottempra ruħha mal-offerta tagħha stess, li sussegwentement giet aċċettata mis-soċjetà appellata.

»B'kull rispett, il-fatt li l-aċċettazzjoni saret sena wara li saret l-offerta ma jirrendix l-offerta mingħajr ebda effett in kwantu l-offerta tas-soċjetà intimata bl-ittra tal-10 ta' Novembru 2006 ma kinetx marbuta b'terminu li fih kellha tiġi aċċettata sabiex tibqa' valida, iżda kienet *open ended*. Tant hu hekk li kif saret l-aċċettazzjoni tal-offerta, is-soċjetà appellanti baqgħet tikkomunika mas-soċjetà appellata u ħadet sehem attiv sabiex tittermina l-ftehim oriġinali.

»Għalhekk ukoll ma jreġġix l-argument tas-soċjetà appellanti li l-offerta ma kinetx aktar valida għaliex is-*software* ġie użat mis-soċjetà appellata għal aktar minn sena. L-offerta tas-soċjetà appellanti kienet ċara meta qalet – "*… Chartwell wiil work with you to resolve these issues; however, if you remain unsatisfied, Chartwell Games (Malta) Limited is prepared to terminate the agreement and return the set-up fees paid to date*". Jirriżulta mill-provi prodotti li s-soċjetà appellata baqgħet, tul is-sena li fiha użat is-*software*, mhux sodisfatta bis-servizz u għalhekk l-offerta tas-soċjetà appellanti ġiet sussegwentement aċċettata«

24. Il-qorti tosserva illi, jekk hu minnu illi l-obbligazzjoni tal-konvenuta nħolqot meta bl-ittra tal-1 ta' Novembru 2007 l-attriċi aċċettat l-offerta magħmula bl-ittra tal-konvenuta tal-10 ta' Novembru 2006, mela dak li qalet jew qalitx il-konvenuta wara l-1 ta' Novembru 2007 – partikolarment dak li tgħid fl-ittra tagħha tas-6 ta' Diċembru 2007 – huwa irrelevanti għax, jekk seħħ ftehim, parti ma tistax sussegwentement tħassru b'att unilaterali.

25. Fil-fehma tal-qorti aktar hija relevanti l-ittra (bla data)[7] tal-attriċi stess li biha l-attriċi wieġbet għall-offerta magħmula mill-konvenuta bl-ittra tal-10 ta' Novembru 2006. Meta osservat illi "*a contract is a two way street, and I hope we will go forward on that basis*" u illi "*For you to*

[7] Para. 4, *supra.*

*offer to "release" us to source an alternative software vendor is commercial nonsense, in my opinion. … … … We have built a company on the basis of your software and that is that*", l-attriċi kienet qiegħda tirrifjuta l-offerta magħmula fl-10 ta' Novembru 2006. Ladarba l-offerta ġiet rifjutata ma baqgħetx fuq il-mejda – il-konvenuta ma kellhiex għalfejn tirtiraha formalment – u l-attriċi ma setgħetx terġa' tagħtiha l-ħajja billi taċċettaha sena wara.

26. L-aggravju msejjes fuq il-konsiderazzjoni tal-ewwel qorti illi nħolqot obbligazzjoni bl-aċċettazzjoni tal-offerta tal-konvenuta għandu, għal-hekk, jintlaqa'.

27. Kif rajna, iżda, it-talba tal-attriċi ma hijiex imsejsa biss fuq il-premessa tal-aċċettazzjoni tal-offerta: hemm ukoll il-premessa illi l-konvenuta ma tatx is-servizz li ntrabtet li tagħti u li tħallset għalih. Dan huwa l-meritu tar-raba' aggravju, li jgħid hekk:

> »Illi punt importanti li rriżulta mill-provi … … … kien in-nuqqas ta' *technical expertise* li s-soċjetà appellata kellha fl-*online gaming*. Illi kif ampjament ipprovat matul il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti, dan in-nuqqas ta' *know-how* kien il-kaġun uniku tan-nuqqas tal-appellata li topera b'suċċess l-*online casino* tagħha. Kien dan in-nuqqas ta' *know-how* tagħha li wassal lis-soċjetà appellata biex ma tkunx taf kif tħaddem il-programm fornit lilha mill-esponenti u minflok ipprovat tgħid li kienet l-esponenti li ma kkonsenjatx prodott tajjeb. Il-provi juru li l-esponenti pprovdiet prodott fit-termini ta' dak li kien maqbul fis-*Software Development and Licence Agreement* iffirmat bejn il-kontendenti u per tant ma kien hemm ebda raġuni għala kellu jkun hemm rifużjoni tas-*set-up fees*.
>
> »Illi dan il-punt jidher li ġie kompletament skartat mill-ewwel qorti u l-unika konsiderazzjoni li saret f'dan ir-rigward kienet meta l-qorti qalet li "għalkemm is-soċjetà rikorrenti kienet qed tirriskontra diversi diffikultajiet fl-operat tas-sistema minnha adottata, is-soċjetà intimata tinnega li hi kienet responsabbli għal dawn l-istess diffikultajiet riferiti". Is-sottomissjonijiet u l-provi kollha mressqa mis-soċjetà appellanta in kwantu għan-nuqqas ta' *technical expertise* li kellha l-appellata fil-qasam tal-*online gaming*, u r-rilevanza ta' dan il-punt fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ ġew totalment injorati mill-ewwel qorti.«

28. L-attriċi wieġbet hekk:

> »Ir-raba' aggravju tas-soċjetà appellanti hu fis-sens li ma kienx hemm il-ħtieġa għar-rifużjoni tas-*set-up fees* in kwantu s-*software* pprovdut mis-soċjetà appellanti kien *ai termini* tal-ftehim u li s-soċjetà appellata ma kellhiex l-għarfien tekniku ta' kif tħaddem tali *software*. Is-soċjetà appellanti qalet ukoll li dan il-punt ma ġiex ittrattat mill-ewwel onorabbli qorti. Fl-ewwel lok jingħad li ma ġiet imressqa ebda eċċezzjoni f'dan is-sens *da parte* tas-soċjetà appellanti. Fit-tieni lok jingħad li l-kwistjoni tal-għarfien tekniku tas-soċjetà appellata (filwaqt li qed tiġi respinta kwalunkwe allegazzjoni li s-soċjetà appellata ma kellhiex *know-how* tekniku) huwa irrilevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna in kwantu: (1) ġà ingħad li fil-mument li s-*software* ġie pprovdut kien hemm diversi difetti li jirriżultaw mill-*user acceptance test* li sar fil-5 ta' Ottubru 2006 liema difetti baqgħu ma ġewx rimedjati; u (2) ġà ingħad ukoll li meta saret l-offerta għat-terminazzjoni u r-rifużjoni tas-*set-up fees da parte* tas-soċjetà appellanti fl-10 ta' Novembru 2006 tali offerta saret proprju *in vista* tal-fatt li kien hemm diversi problemi fis-*software* provdut kif jirriżulta mill-istess ittra: "*Further to your phone call and email complaint submitted to Mario Galea at the LGA*[8] *on 23rd October 2006 ... (omissis) ... Chartwell will work with you to resolve these issues; however, if you remain unsatisfied Ċharrwell Games (Malta) Limited is prepared to terminate the Agreement and return the set-up fees paid to date, releasing you to source an alternative Software Vendor*". Għalhekk, altru li s-software gie pprovdut kif pattwit jew li kien hemm xi mankanzi *da parte* tas-soċjetà appellata.«

29. Il-qorti tosserva qabel xejn li ma huwiex minnu dak li tgħid l-attriċi illi "ma ġiet imressqa ebda eċċezzjoni f'dan is-sens". L-ewwel eċċezzjoni fil-meritu tgħid illi "s-soċjetà intimata iddiżinjat, ikkonsenjat u stallat il-*gaming software* lis-soċjetà rikorrenti fit-termini tal-kuntratt", li jimplika illi jekk kien hemm xi difett dan ma kienx fis-*software* iżda f'min ħaddmu. F'kull każ, ukoll li kieku ma tressqitx eċċezzjoni speċifika, xorta jmiss lill-attriċi tagħmel il-prova tal-premessi li fuqha ssejjes it-talba tagħha, *viz.* illi l-konvenuta ma tatx is-servizz li ntrabtet li tagħti u li tħallset għalih.

30. Il-kwistjoni mela hi jekk il-problemi li ltaqgħet magħhom l-attriċi kinux għax is-*software* provdut mill-konvenuta ma kienx tajjeb jew kinux

8 *Lotteries and Gaming Authority*.

għax l-attriċi ma għarfitx tħaddem is-*software* sew. Dawn il-problemi huma elenkati f'*e-mail* tat-23 ta' Ottubru 2006[9] mibgħut mill-attriċi lill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob ["l-Awtorità"][10] biex tilmenta dwar is-servizz li kienet qiegħda tagħti l-konvenuta. Dan kien qabel ma s-sistema nfetaħ għall-ġugaturi (*i.e.* qabel ma s-sistema kien "*live*"). Jidher illi l-problemi kienu jolqtu l-aktar il-mod kif isir il-ħlas elettroniku tal-flus li jirbaħ ġugatur. Jidher ukoll illi dan il-problema nħoloq għax il-partijiet qablu illi l-ħlas kellu jsir permezz ta' sistema magħruf bħala *TrustMarque* li ma kienx għalkollox integrat mas-sistema tal-konvenuta. Il-konvenuta fil-fatt tammetti, f'*e-mail* mibgħut lill-attriċi fis-17 ta' Ottubru 2006[11], illi "*This* [*sc. using TrustMarque as a payment provider*] *would be a simple and easy thing to do, but during our setup and testing it was discovered that we did not have all the TrustMarque functions built into the API*[12] *on our end*".

31. David Acorn, li kien il-*project manager* tal-konvenuta biex jieħu ħsieb ir-relazzjonijet mal-attriċi, fl-*affidavit* tiegħu[13] jfittex li jitfa' l-ħtija għal dan fuq l-attriċi għax riedet "*payment options … … … over and above what was supported at the time by the Chartwell Gaming System*". Il-fatt jibqa' iżda illi l-konvenuta aċċettat u ntrabtet li tipprovdi sistema ta' ħlas li wara saret taf li ma kienx integrat mas-sistema tagħha: "*during*

---

[9] *Foll.* 304 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

[10] L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob hija mwaqqfa taħt l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor [Kap. 438].

[11] *Fol.* 63 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[12] *Application Program Interface*.

[13] *Foll.* 157 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

*our setup and testing it was discovered that we did not have all the TrustMarque functions built into the API on our end*".

32. Fil-fatt kien wara li kienet mgħarrfa b'dawn l-ilmenti mill-Awtorità illi l-konvenuta għamlet l-offerta tal-10 ta' Novembru 2006 biex tħoll il-kuntratt u trodd is-*set-up fees* lill-attriċi.

33. Problema ieħor marbut mal-ħlas kien dak tal-"*forced payback*", li jidher li hu sistema biex ħlasijiet lill-ġugatur isiru fil-kont tal-*credit card* li jkun uża biex iħallas il-ġugata tiegħu. Fit-tweġiba tal-konvenuta – b'*e-mail* tal-11 ta' Novembru 2006 [14] – lill-Awtorità dwar l-ilmenti tal-attriċi jingħad illi "*no date was promised for delivery of forced refund, except that it would be available in version 6.5 and they were contracted to take our 6.4 version*".

34. Il-kuntratt bejn il-partijiet igħid hekk fil-para. 4.10:

> »4.10 Upgrades: Provided that CFM is not then in default hereunder, during the term of the Agreement Chartwell will provide to CFM all upgrades and enhancement to the Gaming Software, designated as such by Chartwell, at no cost to CFM and CFM shall be obliged to employ all such upgrades and enhancements. All upgrades and enhancements to the Gaming Software will be considered Gaming Software for the purposes of this Agreement.«

35. Il-verżjoni 6.5, li kellha tippermetti l-użu tas-sistema ta' *forced refund*, kellha tkun disponibbli lejn l-aħħar ta' Frar 2007[15], erba' xhur wara li s-sistema tal-attriċi nfetaħ għall-ġugaturi, għalkemm jidher li l-intendi-

[14] *Ibid*. *foll.* 308 *et seq*.

[15] Ara l-*e-mail* tad-19 ta' Diċembru 2006 minn Grant Rosenthal f'isem il-konvenuta lill-attriċi, *ibid. fol.* 70.

ment kien li kellha tkun disponibbli ġà f'Diċembru tal-2006[16]. Fil-fatt il-konvenuta tgħid "*we apologise for any misunderstanding*".

36. Problema ieħor marbut mal-ħlasijiet kien dak dwar *3Dsecure*, li hu sistema maħsub biex iħares l-integrità ta' ħlasijiet magħmula b'mezzi elettroniċi. Il-ftehim kien li dan is-sistema jkun implimentat sal-aħħar ta' Awissu 2007 iżda b'*e-mail* tad-29 t'Awissu 2007[17] il-konvenuta tistqarr illi "*this deadline will not be met and I apologise for that up front. I have been given a new worst case deadline of Friday 14 September* [2007]." Jidher iżda illi lanqas sal-14 ta' Settembru 2007 ma kien lest għax b'*e-mail* tal-25 ta' Settembru 2007[18] l-attriċi tgħid illi "*we are still waiting for confirmation that 3DSecure has been implemented*".

37. Grant Rosenthal, *client account manager* mal-konvenuta, fl-*affidavit* tiegħu[19] jitfa' l-ħtija fuq l-attriċi u jgħid illi "*CFM had continued to give me cause for concern in both their understanding of gaming operations and the management of such a business*". Minn dak li ngħad fuq, iżda, jidher illi l-problema kien fin-nuqqas ta' funzjonalitajiet fis-sistema provdut mill-konvenuta aktar milli nuqqas tal-attriċi li tħaddmu sew. Wara kollox, huwa minnu wkoll illi *software* iddiżinjat sew ma tridx xi *know-how* partikolarment profond biex tista' tħaddmu.

---

[16] Ara l-*e-mail* tad-19 ta' Diċembru 2006 minn Christian MacDonald f'isem il-konvenuta lill-attriċi, *ibid. fol.* 71.

[17] *Ibid. fol.* 72.

[18] *Ibid. fol.* 72.

[19] *Ibid. foll.* 262 *et seqq.*

38. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, aktar għandha raġun l-attriċi tgħid illi s-*software* provdut mill-konvenuta ma kienx tajjeb milli għandha raġun il-konvenuta tgħid illi kienet l-attriċi li ma għarfitx tħaddem is-*software* sew. Ir-raba' aggravju huwa għalhekk miċħud.

39. Il-konvenuta tgħid, iżda, fil-ħames aggravju, illi bi ftehim milħuq bejn il-partijiet b'kitba tas-27 ta' Frar 2008, l-attriċi irrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha li jintraddilha l-ħlas tas-*set-up fees*. Fissret dan l-aggravju hekk:

> »… … … permezz ta' ittra ffirmata bejn il-partijiet datata 27 ta' Frar 2008 fis-6 *p.m.* ġie pattwit li kull relazzjoni li kien hemm bejn il-kontendenti ġiet itterminata b'effett minn dakinhar u fil-fatt mal-istess ittra s-soċjetà appellata ħallset lill-esponenti l-bilanċ kollu li kien fadlilha tagħti a saldu. Jirriżulta biċ-ċar li permezz ta' din l-ittra l-partijiet itterminaw kull relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejniethom, mingħajr ebda pretensjonijiet ulterjuri reċiproci. U kwindi anke minn dan il-lat it-talba mressqa mis-soċjetà appellata quddiem l-ewwel qorti tippekka inkwantu l-partijiet taw lil xulxin kwittanza reċiproka u għalhekk l-ewwel qorti qatt ma setgħet tilqa' t-talbiet tal-appellata peress li kien hemm kwittanza.«

40. B'din l-ittra tas-27 ta' Frar 2008[20] l-attriċi kienet elenkat l-aħħar ilmenti tagħha u magħha hemżet il-ħlas tal-*licence fee* għax-xahar ta' Frar 2008. Kif rajna, għalqet l-ittra hekk:

> » We have attached a bankers draft for 6,165 Euros … … … which settles all invoices from *Casino-for-me*, and once signed for will officially sever our relationship with *Chartwell Games (Malta) Ltd*.«

41. Kif tixhed ukoll l-ittra tal-konvenuta tas-7 ta' Novembru 2007 – meta l-konvenuta talbet il-ħlas tal-*licence fee* u osservat illi "*this settlement is completely separate to your request for return of your setup fees based on the letter of 10 November 2006*" [21] – il-partijiet qiesu l-kwist-

---

[20] Ara para. 8, *supra*.

[21] Para. 6, *supra*.

joni tal-*licence fees* u l-kwistjoni tar-radd tas-*set-up fees* bħala żewġ kwistjonijiet separati. Il-ħlas tal-*licence fees* mill-attriċi ma jfissirx, għalhekk, rinunzja għall-pretensjoni tagħha għar-radd tas-*set-up fees.* Lanqas il-fatt li l-attriċi qalet illi l-ħlas tal-*licence fees* "*will officially sever our relationship with Chartwell Games (Malta) Ltd*" ma jfisser rinunzja. Li ttemm ir-relazzjoni f'dan il-kuntest ifisser illi t-temm ir-relazzjoni kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-konvenuta tagħti s-servizz u l-attriċi tħallas il-*licence fee*; fi kliem ieħor, ma hija sejra tkun dovuta ebda *licence fee* wara Frar tal-2008 għax il-ħlas "*settles all invoices from Casino-for-me*". Ma jfissirx iżda li nqatgħu l-pendenzi l-oħra għax rinunzja għandha tkun jew espressa jew, jekk impliċita, għandha tirriżulta ċar u b'mod univoku. Fl-ittra tas-27 ta' Frar 2008 ma hemm ebda rinunzja espressa jew neċessarjament u inekwivokabilment impliċita tal-pretensjonijiet tal-attriċi.

42. Il-ħames aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

43. Immorru lura issa għat-tielet aggravju, li jgħid hekk:

> »… … … l-appellanta qiegħda ssostni illi abbażi tal-ftehim ta' *Software Development and Licence Agreement* iffirmat bejn il-kontendenti hemm il-klawsola kontrattwali li tillimita l-ogħla ammont ta' dannu li kull waħda mill-partijiet fuq il-ftehim tista' titlob fil-konfront tal-oħra għall-ammont ta' €40,000. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi s-soċjetà attriċi intavolat kontra l-eċċipjenti kawża oħra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament presjeduta li fiha qiegħda titlob ħlas ta' danni (talba wkoll infondata u bla ebda bażi) iżda li fi kwalunkwe każ hija l-umili ottomissjoni tal-esponenti illi *dato ma non concesso* li jkun hemm xi kundanna għal ħlas f'waħda jew l-oħra mill-kawżi, tali ammont (tenut kont taż-żewġ kawżi flimkien) ma jistax ikun fit-totalità tiegħu aktar minn dak stipulat fil-kuntratt u *cioè* €40,000.«

44. Il-klawsola relevanti tgħid hekk:

> »13.2 Aggregate Liability: … … … the liability of a party … … … to the other party, whether for negligence, breach of contact, misrepresentation or otherwise in respect of a single occurrence or a series of occurrences will in no circumstances exceed the amount of the Set Up Fee actually paid to Chartwell under subsection 3.1 of this Agreement[22] … … …«

45. Jingħad qabel xejn illi l-attriċi naqqset it-talba tagħha għal erbgħin elf euro (€40,000) u għalhekk fl-agħar ipotesi għall-konvenuta l-kundanna f'din il-kawża ma tistax taqbeż dan l-ammont, u, ladarba sa issa ma hemm ebda kundanna f'xi kawża oħra, dan l-ammont ma huwiex sejjer jinqabeż b'din is-sentenza.

46. Aktar minn hekk, iżda, il-ħlas meritu ta' din il-kawża tallum ma huwiex b'titolu ta' danni iżda b'titolu ta' radd ta' dak li tħallas bla ma kien dovut – jew, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem – bla ma kien kollu dovut, għax kien ħlas għal servizz li ma ngħatax jew ma ngħatax għalkollox kif kellu jingħata: *causa data causa non secuta*. Għalhekk il-ħlas li l-konvenuta sejra tiġi kundannata tagħmel bis-saħħa ta' din is-sentenza ma jintlaqatx bil-klawsola fuq imsemmija u ma jnaqqasx mill-ogħla somma li tista' tingħata.

47. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

48. Fadal issa naraw jekk is-*set-up fee* għandhiex tintradd lura kollha jew biss parti minnha. Dan qiegħed jingħad għax, minkejja kollox, l-attriċi baqgħet tinqeda bis-sistema tal-konvenuta mill-31 ta' Ottubru 2006 sas-27 ta' Frar 2008, jew sittax-il xahar, meta l-ftehim kien għal tliet snin. Effettivament għalhekk l-attriċi ħadet sittax minn sitta u tletin ($^{16}/_{36}$) ta' dak li ħallset għalih. Għandu jingħad ukoll, iżda, illi, min-

[22] *i.e.* €40,000.

ħabba n-nuqqasijiet imsemmija fuq fil-konsiderazzjonijiet dwar ir-raba' aggravju, f'dawk is-sittax-il xahar l-attriċi ma ħaditx is-servizz kollu li ħallset għalih.

49. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, meta tqis illi l-attriċi nqdiet għal xi żmien bis-sistema provdut mill-konvenuta iżda, minħabba nuqqasijiet tal-konvenuta, l-attriċi ma setgħetx tinqeda u ma nqdietx, la fil-kwalità u lanqas fil-kwantità jew durata, b'dak kollu li ħallset għalih, huwa xieraq illi l-konvenuta trodd tlieta minn erbgħa (¾) tas-*set-up fees*, jew tletin elf euro (€30,000).

50. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn qieset bħala "superati" l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta u, minflok, tiċħad bħala fiergħa dawk l-eċċezzjonijiet;

    ii. tħassarha fejn iddikjarat lill-konvenuta debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' erbgħin elf euro (€40,000) u ikkundannat lill-konvenuta tħallas dik is-somma lill-attriċi, u, minflok, tgħid illi l-konvenuta għandha trodd lill-attriċi tletin elf euro (€30,000) u għalhekk tikkundannha tħallas tletin elf euro (€30,000) lill-attriċi;

    iii. tikkonfermaha fejn ordnat illi l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu mis-27 ta' Frar 2008, meta ntemm l-użu mill-attriċi tas-sistema tal-konvenuta, billi d-dejn huwa wieħed kummerċjali; u

    iv. tikkonfermaha fejn ma qisitx it-tieni talba tal-attriċi billi l-attriċi irrinunzjat għal dik it-talba.

51. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu l-attriċi u tliet ishma minn erbgħa (¾) tħallashom il-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df